# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Gunju 2000**

**Numru 61**

**Citaz. numru 258/87DS**

Mary Decelis mart Edward, Anthony Rotin, Dolores sive Doris Tabone mart Charles, u Vincenzina Cauchi mart George
vs
Francis Rotin, u b'digriet tat-22 ta' Jannar 1991 stante l-mewt ta' Francis Rotin l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi tieghu, Mary mart Edward Decelis, Anthony Rotin, Dolores sive Doris Tabone mart Charles, Vincenzina mart George Cauchi, Joseph Rotin, Francis Rotin u John Rotin

Illum, 22 ta' Gunju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Marzu 1987 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fl-4 ta' Awissu, 1985 mietet Rita Rotin (Dok. "A") mart il-konvenut Francis Rotin u omm tal-erba (4) atturi ahwa Rotin, bla ma halliet ebda testment, u ghalhekk il-wirt taghha ghadda "ab intestato" favur l-imsemmija erba atturi uliedha fil-kwota ta' kwart (1/4) indiviz kull wiehed u wahda minnhom;

Illi l-eredita' ta' Rita Rotin tikkonsisti fis-sehem taghha ta' nofs (1/2) indiviz tal-beni gja appartenenti lill assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejnha u l-konvenut zewgha Francis Rotin;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu jippossiedu in komun sija bejniethom stess u sija mal-konvenut missierhom il-beni appartenenti lill-assi ta' ommhom Rita Rotin;

Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat, naqas li jaddevieni ghal likwidazzjoni u qasma tal-istess wirt u sostanzi ereditarji;

Illi l-atturi ottenew il-permess minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex tigi minnhom istitwita dina l-kawza. (Dok. "B");

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-wirt ta' Rita Rotin li mietet bla testment kif inghad fl-4 ta' Awissu 1985 ghadda "ab intestato" favur l-erba (4) uliedha, l-atturi, fi kwota ndaqs bejniethom u cioe' kwart (1/4) indiviz kull wiehed u wahda minnhom;

2. tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gja esistenti bejn l-imsemmija Rita Rotin u l-konvenut Francis Rotin, billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'dawn is-sostanzi li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza; u nofs (1/2) minn dana l-assi jigi assenjat lill-konvenut Francis Rotin u in-nofs (1/2) l-iehor jigi assenjat lill-assi partikolari tal-mejta Rita Rotin;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-gudizzju mhux integru peress illi zwieg l-atturi Mary Decelis, Dolores Sive Doris Tabone u Vincenzina Cauchi bhala amministraturi tal-beni parafernali tal-imsemmija atturi m'humiex parti fil-kawza odjerna.

2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-fond tar-residenza numru 24 La Sengle Street, Marsascala inxtara mill-konvenut Francis Rotin bi flus li kien gab mieghu minn Lixandra, l-Egittu liema flus ingabu Malta qabel iz-zwieg ma Rita Rotin.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Ottubru 1987 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione bhala perit biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fid-9 ta' Mejju 1990;

Rat ir-relazzjoni ulterjuri tieghu minnu mahluf fit-18 ta' Novembru 1996;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-Qorti diversament presjeduta ddisponiet mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut permezz ta' sentenza preliminari moghtija fit-23 ta' Marzu 1988 (kopja ta' liema ma tinsabx in atti) u l-perit gie awtorizzat ikompli bl-inkariku tieghu. Ghalhekk il-Qorti issa se tghaddi minnufih biex tikkunsidra l-mertu tal-kaz.

Mill-provi prodotti jirrizulta li Francis Rotin (il-konvenut li miet fil-mori tal-kawza) izzewweg darbtejn, l-ewwel lil Vincenza nee` Rizzo mbaghad lil Rita nee` Rizzo – dan jidher car mic-certifikat tal-mewt tieghu a fol. 94 tal-process. Mit-tieni zwieg tieghu kellu erbat itfal, cioe` l-erba' atturi (li wara l-mewt tieghu ssuccedewh ukoll bhala erbgha mis-seba' werrieta tieghu u li l-atti gew trasfuzi f'isimhom).

Din il-kawza saret biex jigi likwidat l-assi ereditarju ta' Rita Rotin, omm l-atturi, li mietet fl-4 ta' Awissu 1985 u liema assi jikkonsisti f'sehemha ta' nofs indiviz mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u zewgha Francis Rotin.

Il-provi relattivi ngabru mill-perit legali izda wara li kien ipprezenta r-rapport tieghu, fuq talba ta' l-atturi li kienu ottjenew informazzjoni gdida dwar il-konsistenza ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, huwa hejja rapport iehor li dwaru mbaghad ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni. Minn ezami ta' dawn iz-zewg rapporti u tal-provi u dokumenti migbura jirrizulta lill-Qorti li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Rita u Francis Rotin kien jikkonsisti fis-segwenti:

(1) Il-fond numru 24, De La Sengle Street, M'Scala.

(2) Fixed Deposit A/c Nru. L141221 ghal Lm600 mal-Mid-Med Bank Ltd.

(3) Savings A/c Nru. S14026009 ghal Lm700 mal-Bank of Valletta Ltd.

(4) Depozitu fin-National Savings Bank Nru. 103902444 ghal Stg£1966.24 li gew zbankati wara l-mewt ta' Rita Rotin u ekwivalenti ghal Lm1100 depozitati fl-imsemmi Savings A/c Nru. S14026009 mal-Bank of Valletta Ltd fil-5 ta' Mejju 1986.

(5) Television tal-kulur, washing machine u fridge.

Nofs indiviz ta' dawn l-assi ghalhekk jappartjeni lill-erba' atturi fil-proporzjon ta' kwart indiviz kull wiehed u wahda minnhom. Meta ssir il-qasma tal-flus li jinsabu depozitati l-Bank naturalment kull kwota tiehu l-imghax relattiv akkumulat sad-data tal-qasma.

Il-perit legali inoltre ghamel zewg rizervi mir-rikavat tal-bejgh in licitazzjoni tal-fond fuq imsemmi, u cioe` Lm350 favur l-assi partikolari ta' Francis Rotin u Lm50 favur l-assi partikolari ta' Rita Rotin. Ghar-ragunijiet minnu moghtija l-Qorti taqbel li jsiru dawn ir-rizervi salv li, in vista tal-fatt li fis-6 ta' Lulju 1999 il-Qorti giet infurmata minn Dr. Adrian Delia li l-proprjeta` immobiljari in kwistjoni kienet diga` nbieghet u r-rikavat jinsab f'idejn certu Grezzju Mercieca, dawn ir-rizervi jsiru mir-rikavat ga` inkassat.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara li l-wirt ta' Rita Rotin li mietet bla testment fl-4 ta' Awissu 1985 ghadda *ab intestato* favur l-erba' atturi uliedha fi kwoti ndaqs bejniethom, u cioe` kwart (1/4) indiviz kull wiehed u wahda minnhom,

(2) tiddikjara li l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ga` ezistenti bejn Francis Rotin u Rita Rotin kien jikkonsisti fl-assi fuq elenkati li, salv ir-rizervi msemmija, nofshom iridu jigu assenjati lill-eredita` ta' Francis Rotin u nofshom lill-eredi ta' Rita Rotin (l-atturi) fi kwoti ndaqs bejniethom,

(3) tordna li nofs il-flus depozitati fuq imsemmija appartenenti lill-assi partikolari ta' Rita Rotin u konsistenti f'sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u cioe` s-somma komplessiva ta' Lm1200, jigu maqsuma f'erba' kwoti ugwali ta' Lm300 kull kwota (apparti l-imghax akkumulat) u kwota tigi assenjata lil kull wiehed u wahda mill-atturi,

(4) tordna li mir-rikavat tal-bejgh tal-fond 24 De La Sengle Street, Marsascala, titnaqqas is-somma ta' Lm350 biex tigi assenjata lill-assi partikolari ta' Francis Rotin, titnaqqas is-somma ta' Lm50 biex tigi assenjata lill-assi partikolari ta' Rita Rotin sabiex din is-somma ta' Lm50 tinqasam f'erba' kwoti ugwali u kwota tigi assenjata lil kull wiehed u wahda mill-atturi, filwaqt li l-bilanc mir-rikavat imbaghad jigi diviz kwantu ghal nofs lill-eredita` ta' Francis Rotin u kwantu ghal ottav (1/8) lil kull wiehed u wahda mill-atturi,

(5) tordna l-bejgh in licitazzjoni ta' l-effetti l-ohra mobbli msemmija bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei u r-rikavat jigi diviz kwantu ghal nofs lill-eredita` ta' Francis Rotin u kwantu ghal ottav lil kull wiehed u wahda mill-atturi.

Bl-ispejjez kwantu ghal nofs mill-atturi u kwantu ghal nofs mill-konvenuti.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**